**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 264/2016 CFF**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Emanuel Agius**

**Illum it-Tlieta 6 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat iħallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€13,050.74), kwantu ghal tnax-il elf, seba' mija u tlieta u disghin Ewro (€12,793.00) somma ta' flus indebitament u frawdolentement ricevuta mill-konvenut li ma kienux jappartjenu lilu u li l-esponenti kellha ti-ridepozita minhabba l-izbank frawdolenti tieghu, billi huwa stess konvenut zbanka frawdolendement l-imsemmija somma mic-Cedola ta' Depozitu numru 1453/2014 DOK XI, u kwantu ghar-rimanenti mitejn u erbgha u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€257.74) in lineja ta' danni bhala spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici ghar-ridepozitu tas-somma indebitament u frawdolendement migbuda u misapproprjata mill-istess konvenut u peress, illi minkejja interpellat sabiex ihallas din is-somma permezz ta' Ittra Ufficjali tat-30 ta' Settembru, 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata document "X2", il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-26 ta' Gunju, 2015 sal-jum tal-pagament effettiv u minghajr pregudizzju ghall-proceduri istitwiti kontra l-konvenut, ghal somom ohra dovuti mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici, li ghalihom is-socjeta' attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Rat li Dr. Maria Grech ghal konvenut Emanuel Agius ipprezentat nota ta' ammissjoni fejn il-konvenut qieghed jikkonferma li s-somma indikata fir-rikors promotur ghadu kollu dovut.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlettax-il elf u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€13,050.74) bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut mis-26 ta' Gunju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**